DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

tal-21 ta' April 2021

dwar l-approvazzjoni ta' status u programmi ta' eradikazzjoni ħielsa mill-mard u mhux tat-tilqim tan-Norveġja u l-Iżlanda jew ċerti żoni jew kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/689 [2021/1332]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment l-Artikoli 1(2) u 3 tal-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-Punt 13 tal-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE "), ir-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ([1]) ("ir-Regolament (UE) Nru 2016/429"), kif emendat u kif adattat għall-Ftehim ŻEE mill-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tiegħu u l-adattamenti speċifiċi u settorjali tiegħu msemmija fl-Anness I ta' dak il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(3), 36(4) u 280 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-Punt 13e. tal-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat ("ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/687"), kif adattat għall-Ftehim ŻEE permezz tal-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I ta' dak il-Ftehim, u b' mod partikolari l-Artikolu 112 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-Punt 13h tal-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti ([3]) ("ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689") , kif adattat mill-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tiegħu u l-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I ta' dak il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 84 tiegħu.

Billi:

Ir-Regolament (UE) Nru 2016/429, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/687 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689 ġew inkorporati fl-Annessi tal-Ftehim ŻEE b' effett mis-17 ta' April 2021. Skont id-data tal-applikazzjoni ddikjarata f' kull wieħed mir-Regolament (UE) Nru 2016/429, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/687 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689, dawk ir-Regolamenti japplikaw mill-21 ta' April 2021.

Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. B'mod partikolari, dan jipprevedi l-approvazzjoni tal-istatus ħieles mill-mard jew mhux tat-tilqim u tal-programmi ta' eradikazzjoni tal-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea ("l-Istati taż-ŻEE") jew ta' żoni jew kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament għal speċi tal-annimali rilevanti waħda jew aktar.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1. Inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2020 tal-11 ta' Diċembru 2020.

([2]) ĠU L 174, 3.6.2020, p. 67. Inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2021 tal-5 ta' Frar 2021.

([3]) ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211. Inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 4/2021 tal-5 ta' Frar 2021.

L-Artikolu 280(1) tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-istati ħielsa mill-mard jew mhux tat-tilqim ("status") approvati qabel l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament skont, kif rilevanti, id-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE ([4]), 91/68/KEE ([5]) u 2006/88/KE ([6]) jew id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE ([7]) ("id-Direttiva preċedenti rilevanti"). Hawnhekk qed issir referenza għal dawn bħala "status eżistenti".

L-Artikolu 84(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689 jissupplimenta l-Artikolu 280(1) tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 billi jipprevedi li l-istatus eżistenti għandu jitqies approvat skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689 meta l-istatus eżistenti rilevanti jkun ġie approvat qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") adottat għadd ta' Deċiżjonijiet li japprovaw l-istatus tan-Norveġja u l-Iżlanda, jew ċerti żoni tagħhom, skont id-Direttiva preċedenti rilevanti qabel l-implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689 ("id-Deċiżjonijiet preċedenti dwar l-istatus").

Id-Deċiżjonijiet preċedenti dwar l-istatus jinkludu deċiżjonijiet adottati mill-Awtorità skont il-leġiżlazzjoni taż-ŻEE qabel id-Direttiva preċedenti rilevanti, fejn il-kriterji ta' approvazzjoni skont dik il-leġiżlazzjoni kienu ekwivalenti għall-kriterji ta' approvazzjoni skont id-Direttiva preċedenti rilevanti. Dawn l-istatuses eżistenti jikkonċernaw il-mard elenkat li ġej:

— l-infezzjoni bil-*Brucella abortus, bil-B. melitensis, bil-B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali bovini, ovini u kaprini;

— l-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae, M. Tuberculosis*) ('MTBC');

— lewkoża enzootika bovina ("EBL");

— rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva ("IBR/IPV");

— infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky ("ADV");

— infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim;

— settiċemija emorraġika virali ("VHS");

— nekroża ematopojetika infettiva ("IHN");

— infezzjoni bil-*Marteilia refringens*, u

— infezzjoni mill-*Bonamia ostreae*.

Skont l-Artikolu 280(1) tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 u l-Artikoli 84(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689, tali status eżistenti jitqiesu approvati skont dawk ir-Regolamenti. Għall-fini ta' ċarezza, din id-Deċiżjoni tħassar id-Deċiżjonijiet preċedenti dwar l-istatus u telenka fl-Anness tagħha dawk l-istatuses meqjusa approvati.

In-Norveġja u l-Iżlanda jistgħu japplikaw mal-Awtorità għall-approvazzjoni ta' status ta' ħelsien minn mard jew ta' nuqqas ta' tilqim u ta' programmi ta' eradikazzjoni għal waħda jew aktar mill-mard elenkat skont ir-Regolamenti (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/689 għal speċi tal-annimali rilevanti waħda jew aktar, għat-territorju kollu tagħha jew għal żona waħda jew aktar jew kompartiment tagħhom, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2016/429. L-Awtorità tista' tapprova, soġġett għal emendi fejn meħtieġ, applikazzjonijiet mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għal status ta' ħelsien minn mard jew status ta' nuqqas ta' tilqim jew programmi ta' eradikazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti.

([4]) L-Att imsemmi qabel fil-Punt 1. tal-Parti 4.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I għaż-ŻEE Ftehim , id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità (ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977), kif emendata u kif adattata għall-Ftehim ŻEE mill-adattamenti speċifiċi u settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([5]) L-Att imsemmi qabel fil-Punt 2 tal-Parti 4.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-Ftehim taż-ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' annimali ovini u kaprini ġewwa l-Komunità (ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19), kif emendata u kif adattata għall-Ftehim ŻEE mill-adattamenti speċifiċi u settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([6]) L-Att li qabel kien imsemmi fil-Punt 8a tal-Parti 3.1. u fil-Punt 4a tal-Parti 8.1. tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14), u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali akkwatiċi , kif emendati u kif adattati għall-Ftehim ŻEE permezz tal-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([7]) L-Att imsemmi qabel fil-Punt 4a. tal-Parti 4.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-Ftehim taż-ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ġewwa l-Komunità (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74), kif emendata u kif adattata għall-Ftehim ŻEE mill-adattamenti speċifiċi u settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

L-Awtorità hija meħtieġa, skont l-Artikoli 31(3), 36(4) u 266(2) tar-Regolament (UE) Nru 2016/429, tissottometti kwalunkwe abbozz ta' Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' status ħieles mill-mard u mhux tat-tilqim, jew approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni tan-Norveġja u l-Iżlanda jew ċerti żoni jew kompartimenti tagħhom, fir-rigward ta' ċertu mard elenkat ("abbozz ta' Deċiżjoni ta' Approvazzjoni") lill-Kumitat Veterinarju u Fitosanitarju tal-EFTA ("il-Kumitat"). Il-Kumitat huwa l-Kumitat rilevanti maħtur biex jassisti lill-Awtorità fit-twettiq ta' din il-funzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 4/2012/SC tas-26 ta' Ottubru 2012.

Il-Kumitat huwa meħtieġ jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kwalunkwe abbozz ta' Deċiżjoni ta' Approvazzjoni ppreżentat, skont il-proċedura ta' eżami stabbilita skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 3/2012/SC tas-26 ta' Ottubru 2012 . Jekk l-abbozz tad-Deċiżjoni ta' Approvazzjoni jiġi approvat mill-Kumitat, l-Anness rispettiv ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi emendat biex jinkludi l-istatus jew programmi ta' eradikazzjoni ġodda approvati ħielsa mill-mard u mhux tat-tilqim.

L-Awtorità preċedentement adottat id-Deċiżjonijiet Nru 67/95/COL, Nru 300/08/COL u Nru 265/12/COL li japprovaw il-pjanijiet ta' kontinġenza ppreżentati min-Norveġja għall-kontroll, rispettivament, tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-influwenza avjarja u tal-mard eżotiku elenkat fl-annimali akkwatiċi. L-Atti li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza rispettivi u li fuqhom kienu bbażati dawk id-Deċiżjonijiet, rispettivament id-Direttivi tal-Kunsill 90/423/KEE ([8]), id-Direttiva 2005/94/KE ([9]) u d-Direttiva 2006/88/KE ([10]), tħassru bir-Regolament (UE) Nru 2016/429 u, fil-każ tad-Direttiva 2005/94/KE biss, bir-Regolament Delegat (UE) Nru 2020/687. L-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza la jeħtieġu li l-Istati taż-ŻEE jissottomettu pjanijiet ta' kontinġenza għall-approvazzjoni, u lanqas li jipprovdu miżuri tranżitorji li jippermettu r-rikonoxximent ta' pjanijiet ta' kontinġenza approvati qabel l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, din id-Deċiżjoni tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 67/95/COL, Nru 300/08/COL u Nru 265/12/COL.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-istatus u l-programmi ta' eradikazzjoni ħielsa mill-mard u mhux tat-tilqim tan-Norveġja u l-Iżlanda u ż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom approvati skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Awtorità f'dan il-qasam, kif indikat fir-raba' u l-aħħar kolonna tat-tabelli fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan imħassra.

Artikolu 3

Id-Deċiżjonijiet Nru 67/95/COL, Nru 300/08/COL u Nru 265/12/COL huma b'dan imħassra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-iffirmar tagħha.

([8]) L-Att li qabel kien imsemmi fil-Punt 2 tal-Parti 3.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/423/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li temenda d-Direttiva 85/511/KEE li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, id-Direttiva 64/432/KEE dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u l-ħnieżer u d-Direttiva 72/462/KEE dwar il-problemi ta' spezzjoni tas-saħħa u veterinarja mal-importazzjoni ta' annimali bovini u majjali u laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 13), kif adattat għall-Ftehim ŻEE permezz tal-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([9]) L-Att imsemmi qabel fil-Punt 5a. tal-Parti 3.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-Ftehim taż-ŻEE, id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-miżuri għall-kontroll tal-influwenza avjarja u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16), kif emendata u kif adattata għall-Ftehim ŻEE permezz tal-adattamenti settorjali msemmija fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([10]) B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 90/423/KEE, l-Artikolu 62(4) tad-Direttiva 2005/94/KE u l-Artikolu 47(4) tad-Direttiva 2006/88/KE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja u lill-Iżlanda.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2021.

Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA,

Bente ANGELL-HANSEN
President

Högni KRISTJÁNSSON
Membru Responsabbli tal-Kulleġġ

Frank J. BÜCHEL
Membru tal-Kulleġġ

Carsten ZATSCHLER
Kontrofirmatarju bħala Direttur, Affarijiet Legali u Eżekuttivi

ANNESS

Status u programmi ta' eradikazzjoni ħielsa mill-mard u mhux tat-tilqim tan-Norveġja u l-Iżlanda jew żoni jew kompartimenti tagħhom approvati skont ir-Regolamenti (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat (UE) 2020/689

Fin-Norveġja:

Status ħieles mill-mard jew mhux tat-tilqim	Żona: It-territorju jew iż-żona kollha	Bażi ġuridika	Nru ta' Deċiżjoni preċedenti jew ġdida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
l-infezzjoni bil-*Brucella abortus, bil-B. melitensis, bil-B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali bovini	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(a)(i) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2020/689.	28/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
l-infezzjoni bil-*Brucella melitensis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali ovini u kaprini	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(a)(ii) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2020/689.	029/21/COL tat-13 ta' April 2021 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M.caprae and M. tuberculosis*) ('MTBC')	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2020/689	28/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
Lewkoża enzootika bovina ("EBL")	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2020/689	28/07/COL tad-19 ta' Frar 2007 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
Rinotrakeite bovina infettiva ('IBR')/vulvovaġinite pustulari infettiva ('IPV')	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2020/689	159/10/COL tal-21 ta' April 2010 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky ("ADV")	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(e) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2020/689	160/10/COL tal-21 ta' April 2010 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(g) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2020/689	221/96/COL tal-4 ta' Diċembru 1996 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
infezzjoni mill-*Marteilia refringens*	Żona: Il-kosta kollha tan-Norveġja, bl-eċċezzjoni taż-żona ta' trażżin fil-muniċipalità ta' Bømlo fil-Kontea ta' Hordaland fin-nofsinhar tan-Norveġja, deskritta b'mod speċifiku f' § 2 tar-Regolamenti Norveġiżi dwar iż-żona ta' kontroll għall-ġlieda kontra l-marda Marteiliose fil-molluski, il-muniċipalità ta' Bømlo, Hordaland (FOR-2017- 09-08-1377)	L-Artikolu 84(1)(l) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689	18/18/COL tad-9 ta' Frar 2018 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)

infezzjoni mill-*Bonamia ostreae*	Żona: Il-kosta kollha tan-Norveġja, bl-eċċezzjoni tal-kontea ta' Aust-Agder fin-Nofsinhar tan-Norveġja	L-Artikolu 84(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689	18/18/COL tad-9 ta' Frar 2018 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
Nekrożi ematopojetika infettiva ("IHN")	It-territorju kollu, minbarra dik il-parti tan-Norveġja li tinkorpora l-inħawi ta' Grense Jacobselv u x-xmara Pasvik u x-xmajjar ta' bejniethom u r-reġjun kostali ta' magħhom (Żona).	L-Artikolu 84(1)(i) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2020/689	264/12/COL tal-5 ta' Lulju 2012 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)
Settiċemija emorraġika virali ("VHS")	It-territorju kollu, minbarra dik il-parti tan-Norveġja li tinkorpora l-inħawi ta' Grense Jacobselv u x-xmara Pasvik u x-xmajjar ta' bejniethom u r-reġjun kostali ta' magħhom (Żona).	L-Artikolu 84(1)(h) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2020/689	264/12/COL tal-5 ta' Lulju 2012 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)

Programm għall-Qerda ta' Mard	Żona: It-territorju , iż-żona jew il-kompartiment kollu	Bażi ġuridika	Nru tad-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Attwalment ma hemm l-ebda entrata			

Fl-Iżlanda:

Status ħieles mill-mard jew mhux tat-tilqim	Żona: It-territorju jew iż-żona kollha	Bażi ġuridika	Nru ta' Deċiżjoni preċedenti jew ġdida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Nekrożi ematopojetika infettiva ("IHN")	It-territorju kollu	L-Artikolu 84(1)(i) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2020/689	227/04/COL tad-9 ta' Settembru 2004 u Nru 36/16/COL tad-9 ta' Frar 2016 (Deċiżjoni preċedenti mħassra)

Programm għall-Qerda ta' Mard	Żona: It-territorju , iż-żona jew il-kompartiment kollu	Bażi ġuridika	Nru tad-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Attwalment ma hemm l-ebda entrata			